# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 754/2007

## tat-28 ta' Ġunju 2007

## li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1941/2006, (KE) Nru 2015/2006 u (KE) Nru 41/2007 fir-rigward ta' l-opportunitajiet u l-kondizzjonijiet assoċjati tas-sajd għal ċerti ħażniet ta' ħut

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni għas-Sajd ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004 tas-26 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi miżuri għall-irkuprar tal-ħażniet ta' merluzz ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1941/2006 ([3]) jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet u gruppi ta' ħut applikabbli għall-Baħar Baltiku għall-2007.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1941/2006 jipprevedi li l-ġranet ta' projbizzjoni addizzjonali li għandhom ikunu allokati mill-Istati Membri f'ċerti subdiviżjonijiet tal-Baħar Baltiku għandhom jinqasmu f'perijodi ta' mhux anqas minn 5 ijiem. Dik il-previżjoni, madankollu, ma' għandhiex tapplika fejn il-ġranet ta' projbizzjoni addizzjonali huma marbutin ma' wieħed mill-perijodi magħluqin previsti f'dak ir-Regolament, sakemm il-perijodu totali ta' ġranet magħluqin huwa ugwali jew aktar minn ħamest ijiem. L-allokazzjoni tal-ġranet ta' projbizzjoni addizzjonali għandha tkun iċċarata retroattivament.

(3) Id-dispożizzjonijiet dwar il-portijiet magħżulin għandhom ikunu ċċarati.

(4) Il-linji tal-mitlaq għandhom ikunu esklużi mit-tipi ta' rkaptu soġġetti għal-limiti ta' l-isforz tas-sajd meta dan it-tip ta' rkaptu ma jintużax biex jinqabad il-merluzz.

(5) Billi mhuwiex ikkunsidrat meħtieġ li tinżamm ir-referenza għas-Subdiviżjoni 27 rigward il-limiti ta' l-isforz tas-sajd fil-baħar Baltiku minħabba qabdiet minimi ta' merluzz f'din is-Subdiviżjoni, ir-referenza għal din is-Subdiviżjoni għandha titħassar.

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 ([4]) jistabbilixxi għall-2007 u l-2008 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti Komunitarji rigward ċerti ħażniet ta' ħut tal-baħar fond.

(7) Id-deskrizzjonijiet ta' ċerti żoni tas-sajd f'dak ir-Regolament għandhom ikunu ċċarati sabiex tkun żgurata l-identifikazzjoni korretta taż-żona li fiha tista' tinqabad kwota bis-sajd.

(8) Ċerti kwoti u noti ta' qiegħ il-paġna kienu indikati b'mod inkorrett f'dak ir-Regolament għal ċerti speċijiet u għandhom jiġu korretti.

(9) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 ([5]) jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċertu ħażniet u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji u, għall-bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid.

(10) Għandhom ikunu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet speċjali rigward il-ħatt l-art jew it-trasbord ta' ħut iffriżat maqbud minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiż terz fiż-żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC.

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 70, 9.3.2004, p. 8. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 441/2007 (ĠU L 104, 21.4.2007, p. 28).
([3]) ĠU L 367, 22.12.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 609/2007 (ĠU L 141, 2.6.2007, p. 33).
([4]) ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 609/2007.
([5]) ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 643/2007 (ĠU L 151, 13.6.2007, p. 1).

(11) It-titolu ta' l-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 41/2007 u ċerti deskrizzjonijiet ta' żoni tas-sajd għandhom ikunu ċċarati sabiex tkun żgurata l-identifikazzjoni korretta taż-żona li fiha tista' tinqabad kwota bis-sajd.

(12) Il-limiti tal-qbid finali għas-sajd taċ-ċiċċirell fiż-żoni ICES IIIa u IV u fl-ilmijiet KE taż-żona ICES IIa għandhom ikunu stabbiliti abbażi ta' avviż mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u skond il-punt 8 ta' l-Anness IID tar-Regolament (KE) Nru 41/2007. Iċ-ċiċċirell huwa ħażna tal-baħar tat-Tramuntana li huwa kondiviż man-Norveġja iżda li preżentement mhuwiex ġestit konġuntament. Il-limiti tal-qbid finali huma skond ir-Rekord Miftiehem ta' konklużjonijiet ta' konsultazzjonijiet tas-sajd fin-Norveġja fit-22 ta' Mejju 2007.

(13) Il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-kwota tal-qabdiet inċidentali dwar rebekkini u rajja għandhom ikunu limitati għal kwantitajiet ta' aktar minn 200 kg ta' dawn l-ispeċijiet.

(14) Il-perijodu ta' referenza li għandu x'jaqsam mal-kwantifikazzjoni ta' l-isforzi tas-sajd użati minn flotot li jibbenefikaw mill-allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għall-waqfa permanenti ta' l-attivitajiet tas-sajd huwa indikat b'mod żbaljat u għandu jkun ikkoreġut.

(15) Il-koordinati li jindikaw iż-żona marbuta ma' miżuri tekniċi fil-Baħar Irlandiż fl-Anness III mhumiex korrettament indikati u għandhom ikunu kkoreġuti.

(16) Il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Paċifiku tal-Punent u Ċentrali fit-tielet Laqgħa Annwali tiegħu bejn il-11 u l-15 ta' Diċembru 2006 adottat miżuri biex tipproteġi lir-riżorsi tat-tonn u miżuri regolatorji għall-pixxispad f'ċerti żoni. Dawk il-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-liġi Komunitarja.

(17) Skond konsultazzjoni bejn il-Komunità, il-Gżejjer Faroe, l-Islanda, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russa fit-18 ta' Jannar 2007, intlaħaq qbil dwar l-opportunitajiet ta' sajd għall-ħażna ta' l-aringi Atlantiko-Skandinavi (bajd tal-ħut tar-rebbiegħa ta' l-aringi tan-Norveġja) fil-grigal ta' l-Atlantiku. Skond dak il-qbil, l-għadd tal-liċenzji Komunitarji għandu jiżdied minn 77 sa 93. Il-qbil għandu jkun implimentat f'liġi Komunitarja.

(18) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1941/2006, (KE) Nru 2015/2006 u (KE) Nru 41/2007 għandhom, għalhekk, jiġu emendati kif adatt,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1941/2006**

L-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 1941/2006 għandhom jiġu emendati f'konformità ma' l-Anness I għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 2015/2006**

Il-Parti 2 ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2015/2006 għandha tiġi emendata skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 41/2007**

Ir-Regolament (KE) Nru 41/2007 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 51(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 28e(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 il-kaptani tal-bastimenti kollha tas-sajd jew ir-rappreżentanti tagħhom, li jġorru ħut imsemmi fl-Artikolu 49, li għandhom l-intenzjoni li jidħlu f'port jew li jħottu fl-art jew jittrasbordaw għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-port li huma jixtiequ jużaw ta' l-inqas 3 ijiem tax-xogħol qabel il-ħin stmat tal-wasla.";

(2) L-Artikolu 52 (1) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Ħatt fl-art jew trasbordi jistgħu jiġu awtorizzati biss mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-port biss jekk l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun biħsiebu jħott fl-art jew jittrasborda, jew fejn il-bastiment kien involut f'operazzjonijiet ta' trasbord barra mill-port, l-Istat tal-bandiera jew l-Istati tal-bastimenti donaturi jkunu kkonfermaw billi jibagħtu lura kopja tal-formola trasmessa skond l-Artikolu 51(3) bil-Parti B mimlija kif suppost, li:";

(b) il-paragrafu (3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-port għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien id-deċiżjoni tagħhom jekk jawtorizzawx il-ħatt fl-art jew it-trasbord billi jittrasmettu kopja tal-formola prevista fil-parti I ta' l-Anness IV bil-Parti Ċ mimlija kif adatt lill-Kummissjoni u lis-Segretarju tan-NEAFC meta l-ħut maħtut l-art jew ittrasbordat ikun inqabad fiż-żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC.";

(3) L-Artikolu 53(1) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet ta’ l-inqas ta’ 15 % tal-ħatt fl-art jew tat-trasbordi minn bastimenti tas-sajd ta’ pajjizi terzi, kif imsemmi fl-Artikolu 49, fil-portijiet tagħhom kull sena.”;

(4) L-Annessi IA, IIA, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 41/2007 għandhom jiġu emendati skond l-Anness III ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-Artikolu 1, fir-rigward ta’ l-emendi mniżżlin fl-Anness I, il-punti 1 u 2 ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 28 ta’ Ġunju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GABRIEL

*ANNESS I*

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 1941/2006 huma hawnhekk emendati kif ġej:

1) L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota 1 f'qiegħ-il paġna taħt l-inċiżi li jikkonċernaw l-ispeċi ta’ Merluzz fis-suddiviżjonijiet 25-32 (ilmijiet tal-KE) u l-ispeċi ta’ Merluzz fis-suddiviżjonijiet 22-24 (ilmijiet tal-KE) għandhom jitħassru; u

(b) l-Appendiċi I għall-Anness I għandu jitħassar.

2) L-Anness II għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt 1.1 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“1.1. Is-sajd bi xbieki tat-tkarkir, tartaruni jew irkaptu simili li għandu malji ta’ daqs ekwivalenti jew akbar minn 90 mm jew bi xbieki tat-tisqif tal-qiegħ, xbieki tal-mitlaq u pariti li għandhom malji ta’ daqs ekwivalenti jew akbar minn 90 mm jew bil-konzijiet tal-qiegħ jew konzijiet, ħlief għal linji tal-mitlaq għandu jkun ipprojbit:

(a) mill-1 sas-7 ta’ Jannar, mill-31 ta’ Marzu sa l-1 ta’ Mejju u mill-31 ta’ Diċembru fis-Subdiviżjonijiet 22 sa 24; u

(b) mill-1 sas-7 ta’ Jannar, mill-5 sa l-10 ta’ April, mill-1 ta’ Lulju sal-31 ta’ Awissu u l-31 ta’ Diċembru fis-Subdiviżjonijiet 25 sa 26.”;

b) il-punt 1.2 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“1.2. Għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sajd bi xbieki tat-tkarkir, tartaruni jew irkaptu simili li għandu malji b’daqs ekwivalenti jew iktar minn 90 mm jew bi xbieki tat-tisqif tal-qiegħ, xbieki tal-mitlaq u pariti li għandhom malji b’daqs ekwivalenti għal 90 mm jew iktar jew bil-konzijiet tal-qiegħ jew konzijiet, ħlief għal linji tal-mitlaq, għandhom wkoll ikunu pprojbiti għal:

(a) 77 jum kalendarju f'sottodiviżjonijiet 22 sa 24 barra mill-perijodu msemmi fil-punt 1.1(a); u

(b) 67 jum kalendarju f'sottodiviżjonijiet 25 sa 26 barra mill-perijodu msemmi fil-punt 1.1(b).

L-Istati Membri għandhom jiddividu l-jiem imsemmijin f'punti (a) u (b) f'perijodi ta’ mhux anqas minn 5 ijiem, sakemm il-jiem imsemmijin f'punti (a) u (b) jiżdiedu mal-perijodi mniżżlin fil-punti 1.1(a) u 1.1(b) rispettivament, minbarra l-31 ta’ Diċembru.”;

(ċ) Għandu jiżdied il-punt li ġej:

“1.3. Meta jsir sajd bil-linji tal-mitlaq fil-perijodi u fil-jiem imniżżlin fil-punti 1.1 u 1.2, m’għandu jinżamm l-ebda merluzz abbord.”.

3) Il-punt 2.7.1 ta’ l-Anness III għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“2.7.1. Jekk Stat Membru jkun għażel portijiet għall-ħatt tal-merluzz, il-bastimenti tas-sajd li jżommu aktar minn 750 kg ta’ piż ta’ merluzz ħaj, jistgħu esklussivament iħottu fl-art il-merluzz f'dawn il-portijiet magħżulin.”.

*ANNESS II*

Il-Parti 2 ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2015/2006, il-Parti 2 hija hawnhekk emendata kif ġej:

1) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi ta' Alfonsinos fl-ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi taż-żoni ta' l-ICES I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċijiet:** Alfonsinos *Beryx* spp. | | | **Zona:** Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' I, VI, III, IV, V, VIII, IX, X, XII u XIV |
|---|---|---|---|
| Sena | 2007 | 2008 | |
| Spanja | 74 | 74 | |
| Franza | 20 | 20 | |
| L-Irlanda | 10 | 10 | |
| Il-Portugall | 214 | 214 | |
| Ir-Renju Unit | 10 | 10 | |
| KE | 328 | 328" | |

2) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Roundnose grenadier fiż-żona ICES IIIa u fl-ilmijiet Komunitarji ta' żoni ICES IIIbċd għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċijiet:** Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris* | | | **Żona:** IIIa u l-ilmijiet Komunitarji ta' IIIbċd |
|---|---|---|---|
| Sena | 2007 | 2008 | |
| Id-Danimarka | 1 002 | 946 | |
| Il-Ġermanja | 6 | 5 | |
| L-Iżvezja | 52 | 49 | |
| KE | 1 060 | 1 000" | |

3) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi ta' Roundnose grenadier fl-ilmijiet Komunitarji u fl-ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' żoni ta' l-ICES VIII, IX, X, XII u XIV u V (ibħra ta' Groenlandja) għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċijiet:** Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris* | | | **Żona:** Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VIII, IX, X, XII and XIV |
|---|---|---|---|
| Sena | 2007 | 2008 | |
| Il-Ġermanja | 40 | 40 | |
| Spanja | 4 391 | 4 391 | |
| Franza | 202 | 202 | |
| L-Irlanda | 9 | 9 | |
| Ir-Renju Unit | 18 | 18 | |
| Il-Latva | 71 | 71 | |
| Il-Litwanja | 9 | 9 | |
| Il-Polonja | 1 374 | 1 374 | |
| KE | 6 114 | 6 114" | |

4) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi ta' Orange roughy fl-ilmijiet Komunitarji u fl-ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi taż-żoni ta' l-ICES I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XI, XII u XIV għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċijiet:** | Orange roughy *Hoplostethus atlanticus* | **Żona:** | Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XII u XIV |
|---|---|---|---|

| Sena | 2007 | 2008 |
|---|---|---|
| Spanja | 4 | 3 |
| Franza | 23 | 15 |
| L-Irlanda | 6 | 4 |
| Il-Portugall | 7 | 5 |
| Ir-Renju Unit | 4 | 3 |
| KE | 44 | 30" |

5) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Molva kaħla fl-ilmijiet Komunitarji u fl-ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi taż-żoni ta' l-ICES VI u VII għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| '**Speċijiet:** | Blue ling *Molva dypterygia* | **Żona:** | Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VI u VII (2) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2007 | 2008 |
|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 26 | 21 |
| L-Estonja | 4 | 3 |
| Spanja | 83 | 67 |
| Franza | 1 898 | 1 518 |
| L-Irlanda | 7 | 6 |
| Il-Litwanja | 2 | 1 |
| Il-Polonja | 1 | 1 |
| Ir-Renju Unit | 482 | 386 |
| Oħrajn (1) | 7 | 6 |
| KE | 2 510 | 2 009 |

(1) Esklussivament għal qabdiet inċidentali. L-ebda sajd speċifiku m'hu permess taħt din il-kwota.
(2) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sajd għall-Molva kaħla huwa ssorveljat xjentifikament, partikolarment l-attivitajiet ta' dawk il-bastimenti tas-sajd li ħattew fl-art aktar minn 30 tunnellata ta' Molva kaħla fl-2005. Il-bastimenti kollha għandhom jagħtu notifika minn qabel tal-ħatt fl-art ta' aktar minn 5 tunnellati ta' Molva kaħla u m'għandhomx iħottu fl-art aktar minn 25 tunnellata ta' Molva kaħla fl-aħħar ta' kwalunkwe vjaġġ għas-sajd.'

6) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi tal-Paġella Ħamra fl-ilmijiet Komunitarji u fl-ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| '**Speċijiet:** | Paġella Ħamra *Pagellus bogaraveo* | **Żona:** | X (Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2007 | 2008 |
|---|---|---|
| Spanja (1) | 10 | 10 |
| Il-Portugall (1) | 1 116 | 1 116 |
| Ir-Renju Unit (1) | 10 | 10 |
| KE (1) | 1 136 | 1 136 |

(1) Sa 10 % tal-kwoti ta' l-2008 jistgħu jinqabdu f'Diċembru 2007'

*ANNESS III*

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 41/2007 huma hawnhekk emendati kif ġej:

1) L-Anness IA għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) It-titolu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"SKAGERRAK, KATTEGAT, iż-żoni ta' l-ICES I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII and XIV, l-ilmijiet tal-KE tas-CKEAF, l-ilmijiet tal-Gujana Franċiża";

(b) L-annotazzjoni rigward l-ispeċi Sallura fiż-żona ICES IIIa; fl-ilmijiet Komunitarji taż- żoni ta' l-ICES IIa u IV għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċijiet:** Sallura *Ammodytidae* | | **Żona:** IIIa; l-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV (1) SAN/2A3A4. |
|---|---|---|
| Id-Danimarka | 144 324 (2) | TAC analitiku. |
| Ir-Renju Unit | 3 155 (3) | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |
| L-Istati Membri kollha | 5 521 (4) (5) | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |
| KE | 153 000 (6) | Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |
| In-Norveġja | 20 000 (7) | |
| TAC | Mhux rilevanti (8) | |

(1) Esklużi ilmijiet sa 6 mili mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.
(2) Li minnhom mhux aktar minn 125 459 tunnellata jistgħu jinqabdu bis-sajd fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV. It-18 865 tunnellata rimanenti jistgħu jinqabdu bis-sajd fiż-żona ta' l-ICES IIIa biss.
(3) Li minnhom mhux aktar minn 2 742 tunnellata jistgħu jinqabdu bis-sajd fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV. L-413-il tunnellata rimanenti jistgħu jinqabdu biss fl-ilmijiet tal-KE taż-żona ICES IIIa biss.
(4) Li minnhom mhux aktar minn 4 799 tunnellata jistgħu jinqabdu bis-sajd fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni ta' l-ICES IIa u IV. Is-722 tunnellata rimanenti jistgħu jinqabdu bis-sajd fiż-żona ta' l-ICES IIIa biss; l-Istati Membri barra mill-Iżvezja jistgħu jistadu biss fl-ilmijiet tal-KE taż-żona ta' l-ICES IIIa.
(5) Għajr id-Danimarka u r-Renju Unit.
(6) Li minnhom mhux aktar minn 133 000 tunnellata jistgħu jinqabdu bis-sajd fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni ta' l-ICES IIa u IV. L-20 000 tunnellata rimanenti jistgħu jinqabdu bis-sajd fiż-żona ta' l-ICES IIIa biss.
(7) Li għandhom jittieħdu fiż-żona ta' l-ICES IV.
(8) Mhux aktar minn 170 000 tunnellata jistgħu jinqabdu bis-sajd fiż-żoni ta' l-ICES IIa u IV skond ir-Rekord Miftiehem man-Norveġja fit-22 ta' Mejju 2007."

(c) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Aringa fiż-żona ta' l-ICES IV fit-tramuntana ta' 53 °30 'N għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċijiet:** Aringa (1) *Clupea harengus* | | **Żona:** Ilmijiet ta' KE u Norveġiżi ta' IV fit-Tramuntana ta' 53° 30' N HER/04A., HER/04B. |
|---|---|---|
| Danimarka | 50 349 | TAC Analitiku |
| Ġermanja | 34 118 | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |
| Franza | 19 232 | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |
| L-Olanda | 47 190 | Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |
| Svezja | 3 470 | |
| Renju Unit | 50 279 | |
| KE | 204 638 | |
| In-Norveġja | 50 000 (2) | |
| TAC | 341 063 | |

(1) Ħatt fl-art ta' aringi meħudin f'sajd bl-użu ta' xbieki b'malji ta' 32 mm jew akbar. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-ħatt fl-art tagħhom ta' aringi separatament u jiddistingwu bejn iż-żoni IVa u IVb ta' l-ICES.
(2) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-KE. Qabdiet meħudin fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

**Kondizzjonijiet speċjali**

Fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwantitajiet imniżżlin hawn isfel miż-żoni speċifikati

| | L-ilmijiet tan-Norveġja fin-nofsinhar ta' 62 °N (HER/*04N-) |
|---|---|
| KE | 50 000" |

(d) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi ta' Aringa fiż-żona ta' l-ICES Vb u Vib u l-ilmijiet tal-KE fiż-żona ta' l-ICES VIaN għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċijiet:** Aringi *Clupea harengus* | | **Żona:** Ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' Vb, VIb u VIaN (1) HER/5B6ANB. |
|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 3 727 | TAC Prekawzjonali |
| Franza | 705 | Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |
| L-Irlanda | 5 036 | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |
| L-Olanda | 3 727 | Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |
| Ir-Renju Unit | 20 145 | |
| KE | 33 340 | |
| Il-Gżejjer Faroe | 660 (2) | |
| TAC | 34 000 | |

(1) Ir-referenza hija għall-ħażna ta' aringi fiż-żona ta' l-ICES VIa, fit-Tramuntana ta' 56° 00' N u f'dik il-parti ta' VIa li tinsab fil-Lvant ta' 07° 00' W u t-Tramuntana ta' 55° 00' N, minbarra l-Clyde.
(2) Din il-kwota tista' tittieħed biss fiż-żona ta' l-ICES VIa fit-Tramuntana ta' 56° 30' N."

(e) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi tal-Bakkaljaw fiż-żoni ta' l-ICES VIb, XII u XIV għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċijiet:** Bakkaljaw *Melanogrammus aegledfinus* | | **Żona:** L-ilmijiet tal-KE u ilmijiet internazzjonali ta' VIb, XII u XIV HAD/6B1214 |
|---|---|---|
| Il-Belġju | 10 | TAC Analitiku |
| Il-Ġermanja | 12 | Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |
| Franza | 509 | Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |
| L-Irlanda | 363 | Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |
| Ir-Renju Unit | 3 721 | |
| KE | 4 615 | |
| TAC | 4 615" | |

(f) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi ta' Rebekkini u Rajja fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV għandha tiġi sostitwita b'li ġej:

| "**Speċijiet:** Rebekkini u Rajja *Rajidae* | | **Żona:** L-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV SRX/2AC4-C |
|---|---|---|
| Il-Belġju | 369 (1) | TAC Prekawzjonali |
| Id-Danimarka | 14 (1) | Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |
| Il-Ġermanja | 18 (1) | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |
| Franza | 58 (1) | Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96. |
| L-Olanda | 314 (1) | |
| Ir-Renju Unit | 1 417 (1) | |
| KE | 2 190 (1) | |
| TAC | 2 190 | |

(1) Kwota għall-qabdiet inċidentali. Fejn aktar minn 200 kg ta' dawn l-ispeċi jinqabdu fi kwalunkwe perijodu kontinwu ta' 24 siegħa huma m'għandhomx jinkludu aktar minn 25 % b'piż ħaj tal-qabda miżmuma abbord."

(2) L-Anness IIA għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt 10.1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"10.1. Numru addizzjonali ta' jiem li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu msemmi fil-punt 4.1 jista' jkun allokat lil Stati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li seħħew sa mill-1 ta' Jannar 2002. L-isforz magħmul fl-2001 imkejjel f'jiem kilowatt tal-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu in kwistjoni fiż-żona rilevanti għandu jkun diviż bl-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li użaw dak l-irkaptu waqt l-2001. In-numru ta' jiem addizzjonali mbagħad jiġi kkalkolat permezz billi jkun multiplikat il-proporzjon riżultanti bin-numru ta' jiem oriġinarjament allokati. Kwalunkwe parti ta' jum li tirriżulta minn dan il-kalkolu għandha tiġi aġġustata għall-eqreb jum sħiħ. Dan il-punt m'għandux japplika fejn bastiment ikun ġie sostitwit skond il-punt 5.2 jew fejn l-irtirar diġà ntuża fi snin preċedenti biex ikunu akkwistati jiem addizzjonali fuq il-baħar.";

(b) Il-punt 11.4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"11.4. Sitt ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fi ħdan iż-żona msemmija f'punt 2.1(ċ) waqt li abbord ikollu rkaptu msemmi fil-punt 4.1(a)(iv) u 4.1(a)(v) jistgħu jkunu allokati bejn l-1 ta' Frar 2007 u l-31 ta' Jannar 2008 lill-Istati Membri mill-Kummissjoni abbażi ta' Proġett Pilota għat-Tisħiħ tad-Data.";

(c) Il-punt 11.5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"11.5. Tnax-il jum addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona msemmija f'punt 2.1(ċ) waqt li abbord ikollu rkaptu msemmi fil-punt 4.1 ħlief għall-irkaptu msemmi fil-paragrafi 4.1(a)(iv) u 4.1(a)(v) jistgħu jkunu allokati bejn l-1 ta' Frar 2007 u l-31 ta' Jannar 2008 lill-Istati Membri mill-Kummissjoni abbażi ta' Proġett Pilota għat-Tisħiħ tad-Data.";

(3) L-Anness III għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt 8.1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"8.1. Fil-perijodu mill-14 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007 għandu jkun ipprojbit kwalunkwe użu tax-xbieki tat-tkarkir tal-par, bit-tartarun jew xbiek simili li jinġibed, kwalunkwe għażel, parit, xbiek tat-tħabbil jew xbiek statiku simili jew kwalunkwe rkaptu tas-sajd bis-snanar f'dik il-parti ta' l-ICES tad-diviżjoni VIIa magħluqa kif ġej:

— il-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda u l-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda ta' Fuq; u

— linji dritti li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati ġeografiċi li ġejjin:

— punt mill-kosta tal-lvant tal-peniżola Ards fl-Irlanda ta' Fuq fil-54$^{o}$ 30' N;

— 54° 30′ N, 4° 50′ W;

— 53° 15′ N, 4° 50′ W;

— punt mill-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda fil-53$^{o}$ 15' N.";

(b) Il-punt 9.4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"9.4. Permezz ta' deroga mill-punt 9.3 għandu jkun permess l-użu ta' l-irkaptu li ġej:

(a) Għeżula b'qies il-malji daqs jew akbar minn 120 mm u anqas minn 150 mm, dment li jintużaw f'ilmijiet ta' anqas minn 600 metru fond muri fuq il-mappa, ikunu ta' mhux aktar minn 100 malja fond, għandhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0,5 u huma armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ. Kull rimja għandha tkun ta' massimu 2,5 km fit-tul, u t-tul totali tar-rimjiet kollha użati f'waqt wieħed m'għandux jaqbeż il-25 km għal kull bastiment. Il-ħin massimu fl-ilma għandu jkun ta' 24 siegħa; jew

(b) Xbiek tat-tħabbil b'qies il-malji daqs jew akbar minn 250 mm, dment li jintużaw f'ilmijiet ta' anqas minn 600 metru fond muri fuq il-mappa, ikunu ta' mhux aktar minn 15-il malji fond, għandhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0,33 u mhumiex armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ. Kull rimja għandha tkun ta' massimu 10 km fit-tul. It-tul totali tar-rimjiet kollha użati f'waqt wieħed m'għandux jaqbeż il-100 km għal kull bastiment. Il-ħin massimu fl-ilma għandu jkun ta' 72 siegħa.

Madankollu, din id-deroga m'għandhiex tapplika fiż-żona Regolatorja tan-NEAFC.";

(c) Il-punt 21 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"21. **Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent**

21.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-isforz totali tas-sajd għat-tonn għajnu kbira, tat-tonn tal-pinen sofor, tal-palamit u ta' l-alonga tan-nofsinhar tal-Paċifiku fiż-żona tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Ħażniet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent ("iż-Żona tal-Konvenzjoni") ikun limitat għall-isforz tas-sajd previst fil-ftehimiet ta' sħubija tas-sajd bejn il-Komunità u l-Istati kostali fir-reġjun.

21.2. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom huma awtorizzati li jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' ġestjoni għall-użu ta' rkaptu fiss jew mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut (FADs). Dawk il-pjanijiet ta' ġestjoni għandhom jinkludu strateġiji biex jillimitaw l-interazzjoni mat-tonn ta' għajnu kbira u tat-tonn tal-pinen sofor li jkunu għadhom żgħar.

21.3. Il-pjanijiet ta' ġestjoni msemmijin fil-punt 21.2 għandhom ikunu ppreżentati lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2007. Il-Kummissjoni għandha tiġbor dawk il-pjanijiet ta' ġestjoni u tippreżenta pjan ta' ġestjoni Komunitarju lis-Segretarjat tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent u ċ-Ċentru tal-Paċifiku (WCPFC) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007.

21.4. In-numru ta' bastimenti Komunitarji li jistadu għall-pixxispad fiż-żoni fin-nofsinhar ta' 20° S taż-Żona tal-Konvenzjoni m'għandux jaqbeż l-14-il bastiment. Il-parteċipazzjoni Komunitarja għandha tkun limitata għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja.";

(4) L-Anness IV għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-parti I għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

**"PARTI I**

Limitazzjonijiet kwantitattivi tal-liċenzji u permessi tas-sajd għal bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jistadu f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

| Żona ta' sajd | Sajd għal | Numru ta' liċenzji | Allokazzjoni ta' liċenzji bejn l-Istati Membri | Numru massimu ta' bastimenti preżenti f'kull hin |
|---|---|---|---|---|
| Ilmijiet tan-Norveġja u ż-żona tas-sajd madwar Jan-Mayen | Aringi, fit-Tramuntana ta' 62° 00' N | 93 | DK: 32, DE: 6, FR: 1, IRL: 9, NL: 11, SW: 12, UK: 21, PL: 1 | 69 |
| | Speċijiet li jgħixu fil-qiegħ tal-baħar, fit-Tramuntana ta' 62° 00' N | 80 | FR: 18, PT: 9, DE: 16, ES: 20, UK: 14, IRL: 1 | 50 |
| | Kavalli, fin-Nofsinhar ta' 62° 00' N, sajd bit-tartaruni | 11 | DE: 1 (1), DK: 26 (1), FR: 2 (1), NL: 1 (1) | mhux rilevanti |
| | Kavalli, fin-Nofsinhar ta' 62° 00' N, sajd bix-xbieki tat-tkarkir | 19 | | mhux rilevanti |
| | Kavalli, fit-Tramuntana ta' 62° 00' N, sajd bit-tartaruni | 11 (2) | DK: 11 | mhux rilevanti |
| | Speċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62° 00' N | 480 | DK: 450, UK: 30 | 150 |
| Ilmijiet tal-Gżejjer Faroe | Is-sajd kollu bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil mil-linja ta' bażi tal-Gżejjer Faroe | 26 | BE: 0, DE: 4, FR: 4, UK: 18 | 13 |
| | Sajd maħsub għall-merluzz u l-bakkaljaw b'malji ta' minimu 135 mm, ristrett għaż-żona fin-Nofsinhar ta' 62° 28' N u Lvant ta' 6° 30' W | 8 (3) | | 4 |
| | Tkarkir 'il barra minn distanza ta' 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faroe. Fil-perjodi bejn l-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru, dawn il-bastimenti jistgħu joperaw fiż-żona bejn 61° 20' N u 62° 00' N u bejn 12 u 21 mil mil-linji ta' bażi. | 70 | BE: 0, DE: 10, FR: 40, UK: 20 | 26 |
| | Sajd bit-tkarkir għal-linarda b'malji b'qies minimu ta' 100 mm fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 61° 30' N u l-Punent ta' 9° 00' W u fiż-żona bejn 7° 00' W u 9° 00' W fin-Nofsinhar ta' 60° 30' N u fiż-żona fil-Lbiċ ta' linja bejn 60° 30' N, 7° 00' W u 60° 00' N, 6° 00' W. | 70 | DE: 8 (4), FR: 12 (4), UK: 0 (4) | 20 (5) |

| Żona ta' sajd | Sajd għal | Numru ta' liċenzji | Allokazzjoni ta' liċenzji bejn l-Istati Membri | Numru massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin |
|---|---|---|---|---|
| | Sajd bit-tkarkir maħsub għall-pollakkju (*saithe*) b'malji ta' qies minimu ta' 120 mm u bil-possibilità li jintużaw ċineg fit-tond madwar ix-xkora tax-xibka. | 70 | | 22 (5) |
| | Sajd għas-stokkafixx. In-numru totali ta' liċenzji jista' jiżdied b'erba bastimenti sabiex jiffurmaw pari, jekk l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe jintroduċi regoli speċjali dwar l-aċċess għal żona li tissejjaħ "iż-żona ewlenija tas-sajd għall-istokkafixx" | 36 | DE: 3, DK: 19, FR: 2, UK: 5, NL: 5 | 20 |
| | Sajd bix-xlief | 10 | UK: 10 | 6 |
| | Sajd għall-kavalli | 12 | UK: 10 | 12 |
| | Sajd għall-aringi fit-tramuntana ta' 62° N | 21 | DE: 1, DK: 7, FR: 0, UK: 5, IRL: 2, NL: 3, SW: 3 | 21 |

(1) Din l-allokazzjoni hija valida għas-sajd bil-*purse seines* u bix-xibka tat-tkarkir.
(2) Għandu jintgħażel mill-11-il liċenzji għas-sajd bil-*purse seines* għall-kavalli fin-Nofsinnhar ta' 62° 00' N.
(3) Wara r-Rekord Miftiehem ta' l-1999, iċ-ċifri għas-sajd dirett għall-merluzz u l-bakkaljaw huma inklużi fiċ-ċifri għal 'Is-sajd kollu bit-tkarkir minn bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faroe'.
(4) Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe ħin.
(5) Dawn iċ-ċifri huma inklużi fiċ-ċifri għal 'Tkarkir 'il barra minn distanza ta' 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faroe'."

(b) Il-parti II għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

**"PARTI II**

Limitazzjonijiet kwantitattivi tal-liċenzji u permessi tas-sajd għal bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet Komunitarji

| L-Istat tal-bandiera | Sajd għal | Numru ta' liċenzji | Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fl-istess waqt |
|---|---|---|---|
| In-Norveġja | Aringi, fit-Tramuntana ta' 62° 00' N | 20 | 20 |
| Il-Gżejjer Faroe | Għall-kavalli, VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30' N), VIIe,f,h, is-sawrell, IV, VIa (Tramuntana ta' 56° 30' N), VIIe,f,h; l-aringi, VIa (Tramuntana ta' 56° 30' N) | 14 | 14 |
| | Għall-aringi fit-tramuntana ta' 62° 00' N | 21 | 21 |
| | Għall-aringi, IIIa | 4 | 4 |
| | Sajd industrijali għan-*Norway Pout* u laċċa kaħla, IV, VIa (fit-tramuntana ta' 56° 30' N): ċiċċirell, IV (inkluż qabdiet inċidentali li ma jistgħux jiġu evitati ta' stokkafixx) | 15 | 15 |
| | Għall-lipp u t-tusk | 20 | 10 |
| | Għall-istokkafixx, II, VIa (fit-tramuntana ta' 56° 30' N), VIb, VII (fil-punent ta' 12° 00' W) | 20 | 20 |
| | Molva kaħla | 16 | 16 |

| L-Istat tal-bandiera | Sajd għal | Numru ta' liċenzji | Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fl-istess waqt |
|---|---|---|---|
| Il-Venezwela | Snappers [1] (Ilmijiet tal-Gujana Franċiża) | 41 | pm |
| | Għal kelb il-baħar (Ilmijiet tal-Gujana Franċiża) | 4 | pm |

[1] Għandhom jinqabdu bis-sajd biss b'konzijiet jew nases (snappers) jew konzijiet jew xbieki li għandhom malji minimi ta' 100mm, f'fond ta' aktar minn 30m (klieb il-baħar). Biex jinħarġu dawn il-liċenzji, trid tinġieb prova li jeżisti kuntratt validu bejn is-sid tal-bastiment li japplika għal-liċenzja u intrapriża ta' l-ipproċessar mid-Diviżjoni Franċiża tal-Gujana, u li jkun jinkludi obbligu li jħott l-art għall-inqas 75 % tal-qbid kollu ta' snapper, jew 50 % tal-qbid ta' klieb il-baħar mill-bastiment ikkonċernat f'dak it-territorju, biex ikun jista' jkun ipproċessat fl-impjant ta' dik l-intrapriża.
Il-kuntratt imsemmi hawn fuq għandu jkun approvat mill-awtoritajiet Franċiżi, biex b'hekk ikun żgurat li huwa konsistenti kemm mal-kapaċità attwali tal-kumpanija ta' proċessar kontraenti kif ukoll ma' l-għanijiet għall-iżvilupp ta' l-ekonomija tal-Gujana. Kopja tal-kuntratt approvat kif xieraq għandha tinhemeż ma' l-applikazzjoni għal-liċenzja.
Fejn l-approvazzjoni imsemmija tiġi rifjutata, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw dan ir-rifjut u jagħtu r-raġunijiet għalih lill-parti terza kkonċernata u lill-Kummissjoni."